Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 38/2009/1

**Claudio Porsenna**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu provvediment fuq talba tar-rikorrent, ivverbalizzata quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2011, biex jigu allegati l-atti kollha, minn wara l-hrug tal-att tal-akkuza, tal-kawza, **Il-Pulizija v. Aaron Pavia**, li ghamel zmien ko-akkuzat mar-rikorrenti. Ir-rikorrenti qed jissottometti li kontra r-rikorrent u Pavia kienu hargu atti ta' akkuza formali, a differenza tat-terz

involut, AB, li l-kaz tieghu instema' mill-Qorti tal-Magistrati; eventwalment anke fil-kaz ta' Pavia harget ordni biex dan jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati, u r-rikorrent irid iqajjem kaz ta' diskriminazzjoni anke fit-trattament tieghu mqabbel ma' ta' Pavia.

Il-Qorti tara li, jekk dan ikun permess, il-kaz se jinfetah mill-gdid. Il-kaz hu mibni fuq l-allegata illecita` tad-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali, li ghandu d-dritt jaghzel quddiem liema Qorti jressaq persuna akkuzata bit-traffikar tad-droga, u fuq l-ezercizzju ta' dan id-dritt b'mod diskriminatorju bejn il-kaz tar-rikorrent u dak ta' AB. Il-provi li nstemghu u t-trattazzjoni li saret quddiem l-ewwel Qorti kienu marbuta ma' din l-allegata differenza fit-trattament, u jekk jigi permess li issa jsir stharrig ghal kaz ta' Pavia, ikun irid isir ezami *ex novo*, probabbilment bi smiegh ta' provi godda, u bir-rizultat li l-partijiet jigu mcahda mid-*doppio esame* tal-kaz taghhom.

L-ewwel Qorti, f'din il-kawza, saritilha din is-sottomissjoni a bazi tal-provi prodotti:

*"Illi, min-naha tieghu, l-intimat jissottometti li fl-ebda waqt ma jista' jinghad li l-fatti tal-kaz li jghoddu ghar-rikorrent jghoddu wkoll ghal xi haddiehor li seta' kellu x'jaqsam mal-grajjiet tieghu. Meta lilu rrizultalu f'din il-grajja li r-rikorrent kien il-"mohh" li fassal u ipprokura d-droga minn barra l-pajjiz, filwaqt li r-rwol ta' AB kien ta' 'drug mule', kien fid-dmir tieghu li ma jibqax iqis aktar liz-zewg persuna fl-istess keffa u kien ghalhekk li wettaq id-diskrezzjoni li taghtih il-ligi biex jittrattahom b'mod differenti. Jghid li, kieku baqa' jwebbes rasu u jaghlaq ghajnejh u jhallihom flimkien, kien ikun qieghed jonqos milli jwettaq dmirijietu u kien ikun qed jagixxi b'mod irresponsabbli."*

Biex issa l-kaz tar-rikorrent jitqabbel ma' terza persuna, hemm probabbilita` kbira li l-kaz ikollu jerga' jinfetah mill-gdid.

Apparti dan, u fuq kollox, l-ewwel Qorti, f'din il-kawza, <u>ma dahlitx biex titratta l-allegata diskriminazzjoni bejn ir-rikorrent u AB</u>. Hi qalet li la darba l-artikolu tal-ligi li jaghti d-diskrezzjoni lill-Avukat Generali taht id-dispozizzjonijiet

tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jaqax fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u la darba r-rikorrent ma invoka ebda artikolu “sostantiv” iehor tal-Konvenzjoni, stante n-natura “accessorja” tal-artikolu li jittratta dwar diskriminazzjoni, l-ilment ma jistax jintlaqa’. Kwindi mhux lok ghal din il-Qorti, li hi biss qorti ta’ revizjoni, li tidhol biex taghmel ezercizzju ta’ qbil, meta dan ma sarx lanqas mal-persuna originarjament indikata ghal dan il-fini. Fil-kuntest tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, il-Qorti wkoll ma ghamlitx ezami tat-trattament allegatament diskriminatorju ghax qalet li t-twettiq mill-Avukat Generali tad-diskrezzjoni taqa’ lil hinn mill-qies li jista’ jittiehed biex wiehed jara’ jekk kienx hemm jew le ksur ta’ jedd imhares fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Ghall-fini ta’ dawn il-proceduri u dan l-appell, it-talba tar-rikorrenti ma tistax, allura, tintlaqa’ u dan ghad-diversi ragunijiet aktar qabel imsemmija.

Din il-Qorti, ghalhekk tichad it-talba tar-rikorrent kif verbalizzata fl-udjenza tal-20 ta’ Ottubru 2011.

Il-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza.

Spejjez rizervati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------